**14 ta' Ottubru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Dominic Mintoff et.

*versus*

Rev. Dun Francesco Saverio Bianco

**Libell — Sigriet Professjonali — Publikazzjoni tar-Rettifika — Korruzzjoni Politika — Piena — Art. 388 tal-Kodiċi Kriminali — Art. 23, 26, 28 u 29 tal-Kap. 117.**

*Kienet dejjem prattika tal-Qrati Tagħna illi l-editur jew l-istampatur ta' ġurnal ma jiġux kostretti jiżvelaw l-identità tal-kontributuri għall-ġurnal tagħhom; anzi, jekk jiżvelawha, jistgħu, fil-każi kongruwi, jaqgħu taħt is-sanzjonijiet tal-Liġi Kriminali. Senjatament, ma għandhomx jiġu permessi domandi li bihom l-editur jew stampatur jiżvela l-isem tal-awtur ta' artikolu nġurjuż minnu publikat, meta domandi simili jiġu magħmula x'aktarx biex tinġieb azzjoni kriminali oħra.*

*Għalkemm fil-kwerela l-inkriminazzjoni tkun limitata għal xi kliem determinat, dan però ma jfissierx li l-Qorti, meta tiġi biex tqies il-karattru diffamanti jew le tal-publikazzjoni, għandha timmobilizza ruħha assolutament f'dawk il-kliem; għall-kuntrarju, huwa ġust, u anki loġiku, li l-kliem denunzjati għandhom jitqiesu fuq l-isfond tal-publikazzjoni kollha.*

*L-imputazzjoni li bniedem jikkorrompi lin-nies billi jixtrihom bil-flus biex isegwuh fl-attivitajiet politiċi tiegħu minflok li jfittex il-konvinzjoni libera tagħhom, hija, u dejjem kienet, ritenuta inġurjuża. U biex wieħed jistabbilixxi jekk l-artikolu nkriminat jikkontjenix din l-imputazzjoni, wieħed għandu jikkunsidra u jistaqsi lilu nnifsu x'jifhem il-qarrej ordinarju, ta' intelliġenza ordinarja, meta jaqra l-artikolu li jikkontjeni dak il-kliem.*

*Skond il-liġi maltija, l-istampatur hu responsabbli kriminalment għall-libell, minbarra li huwa wkoll responsabbli l-awtur u l-editur; u l-liġi tistabbilixxi li dawk il-persuni, kompriż*

*l-istampatur, għandhom jitqiesu li aġixxew xjentement jekk ma jiġix pruvat il-kuntrarju. Inoltre, l-istampatur, bħal l-editur, jitqies li aġixxa xjentement jekk ġie jaf bil-kontenut qabel il-publikazzjoni u ma żammx il-publikazzjoni; jekk il-wieħed u l-ieħor ma jkunux aġixxew xjentement, tibqa' sħieħa r-responsabbiltà tagħhom, iżda ikun hemm mitigazzjoni tal-piena fis-sens li jkunu passibbli biss tal-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*

*Biex l-istampatur ikun intitolat għal din il-mitigazzjoni tal-piena hu biżżejjed li hu jipprova li ma kienx jaf bil-kontenut tal-publikazzjoni; u mhux meħtieġ li hu jissodisfa l-Qorti li hu lanqas ma seta' jkun jaf b'dak il-kontenut bl-eżerċizzju tad-diliġenza ordinarja.*

*Il-liġi ma timponix żmien meta l-parti nġurjata għandha tagħmel talba biex tiġi publikata s-sentenza li tingħata fil-kawża tal-libell. Sakemm ma tkunx bdiet, jew anzi talvolta eżawrita, il-pronunzjazzjoni tas-sentenza, il-kwerelant mhux preklużi li jagħmel talba għall-ordni tal-publikazzjoni tas-sentenza; lanqas ma jista' jingħad li dik it-talba ma saretx billi ma ġietx verbalizzata.*

Il-Qorti:—Rat il-kwerela miġjuba mill-kwerelanti kontra l-kwerelat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli dan, fil-Furjana u bnadijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, permezz ta' librett Dok. 'A', li jismu "Tweġiba għall-attakki li qegħedin isiru kontra l-Knisja fil-kwistjoni politico-reliġjuża li qegħedin fiha (1961)", maħruġ fil-5 ta' Ġunju 1961 mill-Empire Press, li tagħha l-kwerelat huwa l-istampatur, inġurja lill-kwerelanti billi qalilhom li taw £2 kull wieħed lil dawk li marru Għawdex magħhom;

Rat il-kwerela;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Lulju 1961, li biha sabet lill-kwerelat ħati skond l-imputazzjoni. u kkundannatu għall-multa ta' £5. u ordnat li l-istess kwerelat jippublika s-sentenza hekk mogħtija f'ġurnal lokali bil-malti fi żmien xahar;

Rat ir-rikors tal-imsemmi Reverendu Don Francesco

Saverio Bianco, li bih appella lil din il-Qorti, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi hu jiġi liberat minn kull imputazzjoni, jew, subordinatament, li tiġi riformata fis-sens li l-piena tkun biss dik tal-kontravvenzjonijiet, u li jiġi mħassar l-obligu tal-publikazzjoni tas-sentenza impost mill-Ewwel Qorti;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-motivi tal-aggravju kif dedotti fir-rikors u kif esposti fid-dibattitu orali, huma tlieta:—

1. Illi l-parti tal-librett Dok. "A", fol. 4, denunzjata mill-kwerelanti bħala *nġurjuża*, fil-fatt mhix inġurjuża, għaliex ma tesponi bl-ebda mod lill-kwerelanti għad-disprezz tal-publiku:—

2. Illi ġie pruvat li l-appellant ma kienx jaf bil-kontenut tal-librett qabel ma ġie publikat, u kwindi l-piena, skond il-liġi, kien imissha tkun dik tal-kontravvenzjonijiet;

3. Illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx tordna l-publikazzjoni tas-sentenza, għaliex it-talba tal-kwerelanti għal daqshekk kienet inattendibbli. billi saret serotinament;

Qabel ma tidħol biex teżamina partitament dawn it-tliet aggravji, jixraq li din il-Qorti tiddisponi minn inċident li ġie sollevat fil-kors tat-trattazzjoni, u li l-Qorti rriżervat li tiddirimi aktar tard;

Il-kwerelant Avukat Dottor Anton Buttigieg, fil-kontro-eżami tal-kwerelat, għamillu domanda dwar min hu l-awtur tal-librett fol. 4, jew dwar min ikkonsenjalu l-oriġinal għall-istampa;

Il-"praxis curiae" ta' dawn il-Qrati kienet dejjem fis-sens li l-editur jew l-istampatur ma jiġux kostretti jiżvelaw l-identità tal-kontributuri għall-ġurnal tagħhom. L-editur jew l-istampatur, meta jirċievu kontribuzzjonijiet

għall-publikazzjoni fil-ġurnal tagħhom, ikunu qegħdin jirċievuhom minħabba li huma qegħdin appuntu jeżerċitaw il-professjoni jew mestjer ta' editur jew stampatur, u għalhekk jekk il-kontribwent irid jibqa' anominu, isiru, bħala tali, depożitarji ta' sigriet, u jekk jiżvelawh jistgħu, in linea ta' massima, u fil-każijiet kongruwi, jaqgħu anki taħt is-sanzjonijiet tal-Liġi Kriminali (art. 270 Kod. Krim.). Din hija anki l-prattika ngliża; u dawn il-Qrati, f'materja ta' Liġi tal-Istampa, ġeneralment, u fejn, s'intendi, ma hemmx liġi jew prinċipji legali kuntrarji, segwew id-dottrina u l-ġurisprudenza ngliża. Jgħidu l-awturi Duncan u Hoolsham, fil-ktieb tagħhom "A Guide to Defamation Practice", 1958 edition, p. 16:— "A newspaper cannot however, be compelled to disclose the identity of its contributors";

Senjatament, ma għandhomx jiġu permessi domandi simili meta x'aktarx jiġu magħmula biex tingieb azzjoni kriminali oħra, ċjoè, kif jingħad, "with a view of future litigation";

Dawn il-prinċipji ġew stabbiliti fis-sentenzi tal-Qrati Ingliżi, "Plymouth Mutual Co-operative and Iudustrial Society Ltd. v. Traders Publishing Association Ltd. (1906)", 1 King's Bench 403; "Lever Bros. v. Associated Newspapers (1907)" 2 K.B. 626; u, qabel, "Blanc v. Burrows (1896)", T.L.R. 521. Fis-sentenza "White & Co. v. Credit Reform Association Ltd. (1905)" jingħad illi:— "Such an interrogatory would be oppressive". Ara anki Odgers, On Liber and Slander. 1911 Edition, pp. 656 u 657. Kien jingħad ukoll li "This rule possibly extends to other periodicals" (Duncan & Hoolsham, loc. ċit). Anzi. milli jidher, il-lum din il-ġurisprudenza u dottrina ngliża tinsab inkorporata u ġeneralizzata fir-"Rules of the Supreme Court, Order 31, Rule 1A.,", li tiddisponi li f'każi ta' "libel or slander", "no interrogation as to the defendant's sources of information or grounds of belief shall be allowed";

Għalhekk, din il-proposta mistoqsija, verbalizzata fol. 16, ma hijiex ammessa minn din il-Qorti;

Ikkunsidrat, fuq l-ewwel aggravju;

L-inkriminazzjoni, kif kontenuta fil-kwerela, hija fis-sens li permezz tal-librett eżibit mal-kwerela, li jismu "Tweġiba għall-attakki li qegħdin isiru kontra l-Knisja fil-kwistjoni politico-reliġjuża li qegħdin fiha (1961)", il-kwerelat li hu l-istampatur, inġurja lill-kwerelanti billi qal li huma taw £2 kull wieħed lil dawk li marru Għawdex magħhom;

Il-Qorti tirrileva li fil-librett "de quo", fl-aħħar paġina tiegħu, taħt in-numru 20, u taħt l-intestatura "Akkuża", "l-Isqof qal illi Mintoff u Buttigieg ħadu għalihom 60.000 dollaru minn dawk tal-A.A.P.S.O.," u taħt is-sotto-intestatura "Tweġiba", li hi mqassma fi tliet tweġibiet, fit-tielet waħda hemm dawn il-kliem:— "Akkużawhom li taw £2 kull wieħed lil dawk li marru Għawdex magħhom . . . . . li kien hemm min irċieva flus għall-Karnival tal-ewwel ta' Mejju . . . . Mintoff jiġġieled anki għal sixpence! Mnejn ġiebu l-flus?"

Issa, għalkemm fil-kwerela l-inkriminazzjoni hi limitata għall-kliem fuq riportati minn "akkużawhom" sa "magħhom", dan però ma jfisserx, u ma jistgħax loġikament ifisser, li l-Qorti, meta tiġi biex tqies il-karattru diffamanti jew le tal-publikazzjoni, għandha timmobilizza ruħha assolutament f'dawk il-kliem. Hu loġiku, inveċe, u anki l-ġust, li l-kliem denunzjati jitqiesu fuq l-isfond tal-publikazzjoni kollha. Hekk dejjem sar fil-Qrati Tagħna, li ċjoè il-bran inkriminat għandu jinqara fil-kontest tal-publikazzjoni kollha (ara App. Krim. "Mintoff vs. Hedley" 28 ta' Novembru 1953, u ġurisprudenza hemm ċitata Vol. XXXVII-IV-1206-1209);

Issa, ma jistgħax ikun hemm dubju li dawn il-kliem, fihom innfushom u fuq l-isfond tal-paragrafu kollu li qegħdin fih, u anki tal-librett huma nġurjużi; għaliex jikkontjenu l-imputazzjoni illi l-kwerelanti huma korrutturi, billi jixtru bil-flus in-nies li jsegwuhom fl-attivitajiet politiċi tagħhom, u ċertament imputazzjoni simili tilledi l-unur tal-kwerelanti, in kwantu qegħdha tirritjenihom bħala nies li minflok ifittxu l-konvinzjoni libera tal-partitarji tagħhom

ma jeżitawx li jottjenu l-adeżjoni ta' nies minnhom mixtrija. Imputazzjoni ta' korruzjoni kienet dejjem kunsidrata bħala nġurjuża, u f'din il-materja ta' politika hija nota r-repressjoni kriminali ta' "corrupt practices". Jgħid il-Gatley (Libel and Slander, 1953 edition, page 50) :— "So it is actionable to accuse a man of . . . . bribery or corruption . . . . .";

L-istess jgħid l-Odgers — Libel and Slander — p. 42;

Id-difensur, fil-kors tal-argumenti quddiem din il-Qorti, qal li l-bran inkriminat ma hux libellus, għaliex l-allużjoni hi biss għar-rifużjoni tal-ispejjeż inkorsi mill-partitarji li marru għall-meeting politiku f'Għawdex. Din il-pretiża nterpretazzjoni hi għal kollox insostenibbli di fronti għas-sens ċar tal-kliem "in sè" u fuq l-isfond tal-publikazzjoni. Biżżejjed wieħed jistaqsi lilu nnifsu x'jifhem b'dawk il-kliem il-qarrej ordinarju — dak li fil-ġurisprudenza ngliża jissejjaħ "a reasonable reader", ossija "a reasonable fair-minded man" — biex jikkonkludi li l-uniku sens li jista' jingħata lil dawk il-kliem, fihom innfushom u fil-kontest kollu, hu dak ta' akkuża ta' korruzzjoni fis-sens fuq indikat. It-test espress mill-Odgers, loc. ċit. p. 109, hu dan:— "The question is, therefore, always— How were the words understood by those to whom they were originally published? We must assume that they were persons of ordinary intelligence. We must assume too that they gave to . . . . words their ordinary meaning, to local . . . . phrases their local . . . . meaning. That being done, what meaning did the whole passage convey to an unbiassed mind?"

L-interpretazzjoni sostnuta mill-kwerelat taqa' di fronti għall-applikazzjoni ta' dan it-test, li juri li ebda qarrej ta' intelliġenza ordinarja ma seta' qatt jifhem dawk il-kliem bħala innoċentement allużivi għal rifużjoni tal-ispejjeż, imma tabilfors fehemhom bħala imputazzjoni ta' korruzzjoni tal-partitarji;

L-ewwel aggravju, għalhekk, hu infondat, u l-bran inkriminat hu bla dubju libellus;

Dwar it-tieni aggravju;

Skond il-Liġi Maltija, l-istampatur hu responsabbli kriminalment għal-libell, minbarra li huwa wkoll responsabbli l-awtur u l-editur (art. 26 Kap. 117). Dippjù, il-liġi tistabbi'ixxi (art. 28 idem) li dawk il-persuni, kompriż l-istampatur, għandhom jitqiesu li aġixxew xjentement jekk ma jiġix pruvat il-kuntrarju. Inoltre, l-istampatur, bħal l-editur, jitqies li aġixxa xjentement jekk ġie jaf bil-kontenut qabel il-publikazzjoni u ma żammx il-publikazzjoni. Fil-każ li l-istampatur, bħal l-editur, ma jkunx aġixxa xjentement, "knowingly", allura tibqa' sħieħa r-responsabbiltà tiegħu, iżda hemm mitigazzjoni fis-sens li jkun passibbli biss tal-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Għall-eżami ta' dan l-aggravju hi importanti, għalhekk, l-indaġini dwar is-sens li għandu jingħata lill-kelma "knowingly" "in subjecta materia". Il-pont hu dan — Dik il-kelma għandha tiftiehem fis-sens li, biex l-istampatur ikun intitolat għall-mitigazzjoni fuq imsemmija, hu biżżejjed li hu jipprova li ma kienx jaf bil-kontenut tal-publikazzjoni, jew inkella għandha tiftiehem fis-sens li ma hux biżżejjed il hu jipprova dan, imma li jeħtieġ anki li hu jissoddisfa lill-Qorti li hu lanqas ma seta' jkun jaf bil-kontenut, non ostanti l-eżerċizzju tad-diliġenza ordinarja?. Fi kliem ieħor, il-kelma "knowingly" għandha tiftiehem li tfisser ukoll "or could have known with the exercise of due diligence"?

L-Imħallef sedenti rrifletta fit-tul fuq dan il-punt, li hu bla dubju ta' ċerta mportanza, u wara r-riċerki u l-istudji li għamel wasal għall-konklużjoni li, fl-istat attwali tal-liġi tagħna, ma jistgħax jingħata lill-kelma "knowingly" s-sinifikat estiż fuq indikat. Ir-raġunijiet huma dawn li sejrin jingħadu:—

(a) Il-kelma "knowingly" weħedha, mingħajr l-aġġunta ta' kliem ieħor li jestendi s-sinifikat ordinarju tagħha, tfisser "mens rea" fis-sens ta' dolo, ossija "criminal intent" (ara Shaw's Evidence in Criminal Cases, Fourth Edit. by Michael Lee, 1954, page 186; ara wkoll Kenney, Outlines of Criminal Law, p. 50; ara wkoll "An

Introduction to Crim. Law" — Cross & Jones, 1949 edit. p. 41, fejn il-kelma "knowingly" hi mfissra bħala li l-imputat ikun "aware of certain facts which are an essential ingredient of the offence"; ara wkoll kommenti fuq din il-kelma fit-test "Words and Phrases Judicially Defined" ta' Burrows, Vol. 3, pp. 199-200-201);

(b) Fis-sistema ġuridiku ngliż, għall-ewwel ma kien hemm ebda mitigazzjoni fil-każ ta' stampatur li ma kienx jaf il-kontenut tal-publikazzjoni nkriminata (ara Folkard, The Law of Slander and Libel, pp. 298-299, u Fisher and Strahan, The Law of the Press, p. 147). Aktar tard, però, skond il-Libel Act 1843, S. 87, Vict. ch. 96, komunement konoxxut f'din il-materja bħala Lord Campbell's Act, sec. 2, ġiet permessa fil-proċeduri ċivili l-eċċezzjoni illi l-publikazzjoni saret mingħajr "actual malice" u mingħajr "gross negligence" tal-konvenut (minbarra l-publikazzjoni jew l-offerta ta' publikazzjoni, skond il-każ, ta' apoloġija), u fil-proċeduri kriminali (sec. 7), l-eċċezzjoni permessa kienet dik illi l-kitba nkriminata saret "without his authority, consent or knowledge, and that the said publication did not arise from want of due care or caution on his part" (ara Bell, Libel and Slander, 2nd edition, p. 175). Minn dan jidher illi fil-liġi ngliża, minbarra l-kliem li jiddenotaw id-dolo ossija "malice", hemm anki kliem li jiddenotaw in-negliġenza b'mod illi ma hux biżżejjed skond dik il-liġi, li l-imputat jipprova li ma kienx jaf bil-kontenut tal-publikazzjoni nkriminata, imma jeħtieġ ukoll li hu jipprova li anki bl-eżerċizzju tad-diliġenza ordinarja hu ma setgħax ikun jaf b'dak il-kontenut, u għalhekk, konversament, anki jekk ma kienx jaf b'dak il-kontenut, imma seta', kieku kien diliġenti, ikun jaf, il-benefiċċju tal-liġi jintilef. Fil-Liġi Maltija, però, dik l-alternattiva tan-negliġenza ma hemmx, u l-Qorti ma tistgħax, skond ir-regoli ta' ermenewtika sana, tagħti nterpretazzjoni li biha tkun qegħdha virtwalment toħloq fil-liġi kliem li ma hemmx. Il-fatt li l-leġislatur ingliż ħass il-bżonn li, minħabba l-kliem "without his knowledge" — ekwivalenti għall-kelma "knowingly" tal-liġi maltija — iżid ukoll il-kliem "want of due care or caution on his part", juri li mingħajr dawk il-kliem, jew oħrajn ekwipollenti ma tkunx leġittima nterpretazzjoni, taħt il-Liġi Maltija, li tinterpreta l-unika kel-

ma "knowingly" bħal li kieku kien hemm dawk il-kliem. Salv, s'intendi, li ċ-ċirkustanza tan-negliġenza titqies, meta jkun il-każ, fl-entità tal-piena kontravvenzjonali. Jekk mbagħad huwiex konsiljabbli li f'xi żmien futur l-awtorità, li lilha jmiss, tikkunsidra jekk hux deżiderabbli jew le li l-mitigazzjoni tal-art. 29 tiġi eskluża mhux biss fil-każ ta' "malice", imma anki fil każ ta' "gross negligence", din hi ħaġa mhux ta' kompetenza tal-Qrati, imma ta' awtorità oħra, "in jure condendo";

Issa, il-konvenut, fix-xhieda tiegħu, qal li hu ma kienx jaf bil-kontenut tal-librett. u ma hemm xejn fil-proċess li jista' jinvalida dik ix-xhieda, kunsidrata biss mill-punto di vista tal-"malice". Għalhekk hu applikabbli l-art. 29 kwantu għax-xorta tal-piena;

Ikkunsidrat, dwar it-tielet gravam;

Fir-rikors tal-appell hu ammess — u din l-ammissjoni ġiet ripetuta fit-trattazzjoni ta' dan l-appell — illi l-kwerelanti fil-fatt għamlu talba lill-Ewwel Qorti għall-publikazzjoni tas-sentenza x'ħin il-Maġistrat kien qiegħed jikteb is-sentenza; iżda l-kwerelat jgħid li din it-talba mhijiex attendibbli, għaliex dak ma kienx l-istadju li fih għandha ssir t-talba, u jgħid ukoll li, minbarra hekk, it-talba ma ġietx verbalizzata. Dan l-aggravju hu bla bażi fil-liġi. Fl-art. 23 tal-Kap. 117 jingħadu l-kliem biss "at the request of the injury party", u ma hemm xejn li jimponi li t-talba ssir f'xi stadju determinat. Il-Maġistrat kiteb u ta' s-sentenza "seduta stante", u għalhekk ma kien hemm ebda differiment tal-kawża għas-sentenza, b'mod li seta' talvolta jiġi argumentat li t-trattazzjoni kienet ġiet konkjuża malli l-kawża ġiet rinvijata għas-sentenza għal ġurnata oħra. Lanqas kien hemm xi verbal fejn il-partijiet iddikjaraw li kienu eżawrew it-trattazzjoni, f'liema każ kien ikun hemm lok ukoll talvolta għall-konsiderazzjoni jekk it-trattazzjoni kienetx ġiet konkjuża. Sakemm ma kienetx bdiet, jew anki talvolta eżawrita, l-pronunzjazzjoni tas-sentenza, ma kienx prekluż lill-kwerelanti li jagħmlu dik it-talba għall-ordni għall-publikazzjoni tagħha; molto più li din it-talba ma hijiex lanqas, proprijament, parti mit-trattazzjoni fil-meritu, imma sempliċi modalità tal-istess sentenza;

Kwantu għan-nuqqas ta' verbalizzazzjoni ta' din it-talba, dan in-nuqqas ma hux fatali; mhux biss għaliex talba simili ma taqgħax taħt l-inċidenti li b'liġi — art. 388 Kap. 12 — il-Maġistrat hu obligat jivverbalizza, imma anki għaliex lanqas in-nuqqas ta' verbal dwar l-istess inċidenti, kompriżi fl-artikolu fuq imsemmi, ma jġib nullità. Għalhekk ma jistgħax jingħad li t-talba ma għandiex titqies magħmula għax ma ġietx verbalizzata, għalkemm jibqa' dejjem sommament deżiderabbli li talbiet u inċidenti simili jiġu verbalizzati, appuntu biex jiġu evitati eċċezzjonijiet bħal dik attwali, b'telf taż-żmien ġudizzjarju;

B'dan il-mod il-Qorti ddisponiet mit-tliet aggravji tal-appell;

Kwantu għall-entità tal-piena, il-maximum tal-piena pekunjarja kontravvenzjonali hu dak ta' £5, u l-minimum, naturalment, 2s. 6d. Il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ għandu jiġi applikat il-maximum tal-piena kontravvenzjonali; għaliex l-imputazzjoni hi ta' ċerta gravità, u anki għaliex ġew stampati 40,000 kopja u minbarra hekk, iċ-ċirkustanzi huma tali li ma jeskludux li l-kwerelat, għad li ma aġixxiex "knowingly", ma kienx però fl-impossibbiltà li bl-eżerċizzju ta' diliġenza, mhux straordinarja, seta' talvolta isir jaf bil-kontenut tal-librett, molto pjù li l-istampa tal-librett fl-istamperija li tagħha hu stampatur l-imputat, ħadet jumejn;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tal-Appell tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-kwerelat u tikkonferma s-sentenza appellata; b'dan biss li l-piena, stante li l-kwerelat ma kienx jaf bil-kontenut, għandha tkun dik kontravvenzjonali fis-somma ta' ħames liri (£5). It-terminu mogħti mill-Ewwel Qorti għall-publikazzjoni tas-sentenza jibda jgħaddi mil-lum;

L-ispejjeż jibqgħu a kariku tal-kwerelat. Onorarju tad-difensuri "uti infra" — 12s għal kull seduta.